# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 ta' Lulju, 2001.**

**Numru 7**

**Citaz. Nru. 1033/01GV**

**Vadala Company Limited**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' ghaxart elef, erba' mija tlieta u sittin liri Maltin disgha u disghin centezmi (Lm10,463.99) li jirrapprezentaw il-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta (hawn aktar l-isfel maghruf bhala "il-bilanc dovut") u dan kif jirrizulta minn rendikont tas-socjeta' attrici anness ma dan l-att ta' citazzjoni markat bhala dokument ittra "A";

Premess illi minkejja li tali merkanzija kienet giet debitament konsenjata mis-socjeta' attrici u debitament accettata mis-socjeta' konvenuta, u minkejja d-diversi talbiet ghal pagament, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti fil-hlas dovut minnha;

Premess illi dan il-kreditu tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' ghaxart elef, erba' mija tlieta u sittin liri Maltin disgha u disghin centezmi (Lm10,463.99) dovut mis-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija huwa cert, likwidu u skadut u sa fejn taf is-socjeta' attrici is-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas tal-ammont ta' ghaxart elef, erba' mija tlieta u sittin liri Maltin disgha u disghin centezmi (Lm10,463.99) ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u dan kif jidher mill-affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici Thomas Agius Vadala' anness ma l-att tac-citazzjoni markat bhala dokument ittra "B";

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-ammont ta' ghaxart elef, erba' mija tlieta u sittin liri Maltin disgha u disghin centezmi (Lm10,463.99) dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici huwa debitu cert, likwidu u skadut;

2. tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, erba' mija tlieta u sittin liri Maltin disgha u disghin centezmi (Lm10,463.99) dovuti bhala bilanc tal-prezz tal-merkanzija debitament konsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax bl-ghola rata stabbilita' mil-ligi mid-data ta' kull fattura mibghuta mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha, inkluz ta' dawn l-atti, tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment ma dan

l-att ta' citazzjoni u ta' l-atti gudizzjarja sussegwenti kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**